QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 79/01**

**Charles Zammit Tabona**

**Vs**

**Helen sive Eileen Borg in rapprezentanza ta' Nostrum Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta biex tizgombra mill-garage numru tlieta u ghoxrin (23) Triq Locker, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat, kif ukoll li tigi kkundannata li thallas sitt mitt lira Maltin (Lm600) hlas tal-kera skadut mill-25 ta' Gunju 1999 sal-24 ta' Ottubru 2000 tal-istess fond, bl-imghax legali min-notifika ta' dan l-avviz;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond huwa ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) fis-sena.

Rat illi l-konvenuta fil-kwalita' premessa debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghed tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenuta in rapprezentanza tal-kumpanija Nostrum Limited sabiex tizgombra mill-garage numru 23, Triq Locker, Sliema u ghall-fini ta' dan l-izgumbrament il-Qorti qieghda tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum.

Inoltre tikkundanna lill-istess konvenuta biex thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) mitluba ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg